# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar il-Erbgha 22 ta' Mejju 2002

Citazzjoni numru 2647/98 AJM

Kawza numru

Calypso Manufacturing Limited

Vs

Andreas Gerdes

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fis-16 ta' Dicembru 1998 li permezz taghha s-socjeta' attrici filwaqt li ppremettiet illi l-konvenut huwa debitur taghha fis-somma ta' elf sitt mija u hamsin lira (LM1,650.00) liema somma hija dovuta kwantu ghal LM850 bhala prezz ta' canopy u kwantu ghal LM800 prezz ta' hames umbrellel bil-cover; illi l-konvenut ghalkemm interpellat jhallas l-ammont dovut anki bl-ittra ufficjali tas-16 ta' Ottubru 1998 baqa' inadempjenti; illi jikkonkorru l-elementi kollha mehtiega biex jigi dispensat is-smigh a tenur ta' l-artikolu 167 et seq tal-Kap 12 u dana in vista tal-affidavit Dok X; talab li din il-Qorti:-

1. tordna li l-kawza ghandha ssir bid-dispensa tas-smigh;

2. tikkundanna lill-konvenut jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf sitt mija u hamsin lira (LM1650) rappresentanti prezz ta' canopy u ta' hames umbrellel bil-cover debitament mibjugha u kkonsenjati.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid li qed jigi presentat kontestwalment u bl-imghaxijiet legali b'effett mill-16 ta' Ottubru 1998 kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mis-socjeta' attrici.

Rat id-digriet taghha tal-25 ta' Jannar 1999 meta l-konvenut inghata l-fakolta li jikkontesta t-talba attrici u f'liema seduta gie ukoll mahtur bhala espert tekniku William Cassar Torreggiani.

Rat in-nota tal-konvenut presentata fis-27 ta' Jannar 1999 meta eccepixxa:-

1. Il-preskrizzjoni tal-azzjoni a tenur ta'l-artikolu 2148 tal-Kap 16.
2. Illi x-xoghol ma sarx skond l-arti u s-sengha tant li rrizultaw diversi difetti u mankanzi serji fl-esekuzzjoni tax-xoghol u fil-fatt l-eccipjent qieghed jippromwovi kontro talba ghac-citazzjoni tas-socjeta' attrici.

Rat il-kontro talba tal-konvenut li permezz taghha filwaqt li ppremetta li huwa kien inkariga lis-socjeta attrici sabiex tahdimlu xoghol ta' canopy u umbrellel biex jigu nstallati fid-dar tieghu Villa Margerita, Tas-Silg Road, Marsaxlokk; illi in konsiderazzjoni ta' din l-ordni hu hallas ukoll depositu akkont tal-prezz; illi fl-esekuzzjoni tax-xoghol irrizultaw difetti

u mankanzi serji fis-sengha u fil hila; illi nonostante li l-imsemmi konvenut talab lis-socjeta' attrici biex tirrimedja hija baqghet inadempjenti; talab li din il-Qorti:-

1. tiddikjara li s-socjeta' attrici ma ezegwitx skond is-sengha u l-arti x-xoghol li l-konvneut ordna minghandha;
2. konsegwentement tiddikjara li l-appalt huwa xolt ghar-ragunijiet fuq premessi;
3. tiddikjara li s-socjeta' attrici hija responsabbli ghad-danni sofferti mill-konvenut ghar-ragunijiet premessi;
4. tillikwida d-danni sofferti mill-konvenut, okkorrendo bl-opera ta' perit nominand;
5. tikkundanna lis-socjeta' attrici thallas id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjes kontra s-socjeta' attrici minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xiehda tal-konvenut.

Rat in-nota tas-socjeta' attrici tal-11 ta' Frar 1999 li permezz taghha eccepiet ghall-kontro talba:-

1. Illi x-xoghol kollu li sar mill-esponenti ghall-konvenut sar skond is-sengha u l-arti.
2. Illi l-appalt huwa kollu ezegwit da parti tal-esponent u ghalhekk mhux il-kaz li jigi xolt.
3. Illi hija l-esponenti li soffriet danni stante li ma thallsitx u mhux il-konvenut.

Rat id-digriet taghha tad-29 ta' Novembru 2000 li permezz tieghu gie sostitwit l-espert tekniku b' Anthony Galea.

Rat ir-rapport tal-espert tekniku mahluf fl-udjenza tat-13 ta' Lulju 2001.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tat-22 ta' Marzu 2002 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Is-socjeta' attrici qedha tagixxi sabiex tigbor minghand il-konvenut is-somma ta' LM1650 rappresentanti bilanc ta' prezz ta' xogholijiet ta' injam ezegwiti minnha fuq inkarigu tal-konvenut. Il-konvenut eccepixxa l-preskrizzjoni a termini ta' l-artikolu 2148 tal-Kap 16. Dan jiddisponi fis-subinciz (a) li l-azzjonijiet tal-hajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, haddieda, argentieri, arluggara u ta' persuni ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika, ghall-prezz ta' l-opri jew tax-xogholijiet taghhom, jew tal-materjal li jfornu jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' tmintax-il-xahar.

Minn natura tax-xogholijiet intraprizi jidher li t-talba attrici hija fir-rigward ta' xogholijiet ta' mastrudaxxa u ghalhekk din il-preskrizzjoni tabblika ghal kaz sottoezami. Izda l-konvenut ma xhedx u lanqas ressaq provi dwar din l-eccezzjoni. Mid-dokumenti ezebiti mill-attur mac-citazzjoni jidher li l-invoices huma datati l-1 u t-13 ta' Frar 1998 rispettivament. Dawn id-dati, izda, ma jirrispekkjawx d-data tal-manifattura u konsenja billi kif xhed r-rappresentant tas-socjeta' attrici

Louis Aqulina, x-xoghol in kwistjoni inbeda fin-1996. Izda ma jirrizultax meta dan x-xoghol gie terminat.

Jirrizulta li s-socjeta' attrici interpellat lill-konvenut b'ittra ufficjali tas-16 ta' Ottubru 1998 u sussegwentement giet ippresentata din ic-citazzjoni fis-16 ta' Dicembru 1998. Ghalhekk ma jirrizultax li t-terminu preskrittiv ghadda u b'hekk l-azzjoni giet estinta. Inoltre jigi osservat li tali eccezzjoni ma jista' qatt jkollha effett billi l-konvenut qatt ma resaq biex jinghata l-gurament skond l-artikolu 2160 tal-Kap 16. Din l-eccezzjoni ghalhekk qed tigi michuda.

Ikkunsidrat:-

Illi fil-mertu jidher ukoll li l-process huwa istruwit u ghalhekk din il-Qorti sejra tghaddi biex tipprovdi fuq it-talba attrici, tenut kont tal-eccezzjonijiet, kif ukoll fuq il-kontro talba tal-konvenut.

Il-konvenut qed jisostni li x-xoghol in kwistjoni ma sarx skond l-arti u sengha billi huwa difettuz. Ghal dan il-ghan kien gie mahtur espert tekniku Anthony Galea u dan, wara li ezamina x-xogholijiet ezegwiti mis-socjeta' attrici u li kienu fil-pussess tal-konvenut, wasal biex skarta din l-eccezzjoni stante li dak li rrizultalu waqt l-access jew kien konsewgenza tal fatt li l-oggetti huma esposti ghat-temp, jew li kienu ilmenti tant minimi li ma jiggustifkaw bl-ebda mod l-akkoljiment tal-eccezzjoni jew kontro talba tal-konvenut.

Illi Louis Aquilina, rappresentant tas-socjeta' attrici, kkonferma l-ammont indikat fic-citazzjoni u ghalhekk fl-assenza ta' prova kontrarja dan qed jigi akkolt.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u l-kontro talba tieghu, tilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf sitt mija u hamsin lira maltin (LM1650.00) bl-imghax legali kif mitlub u bl-ispejjes tal-kawza.

Onor Imhallef Albert J. Magri